IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.11.2012
COM(2012) 750 final

ANNESS

RAPPORT MAKROEKONOMIKU

lill-

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

Stħarriġ Annwali ta' Tkabbir 2013

INTRODUZZJONI

L-ekonomija tal-UE tkompli tbati bil-korrezzjoni tal-kriżi post-finanzjarja. Tensjonijiet finanzjarji komplew fiż-żona tal-euro qabel is-sajf, filwaqt li l-ekonomija globali ddeċellerat bit-tnaqqas tal-kontribut potenzjali ta' esportazzjonijiet lejn irkupru. Għalhekk, il-perspettiva fuq żmien qasir għall-ekonomija tal-UE tibqa' batuta, imma ritorn gradwali lejn tkabbir huwa projettat għall-2013 u tisħiħ ulterjuri fl-2014. Din il-prospettiva toħloq sfidi addizzjonali għall-aġġustament meħtieġ f'ħafna Stati Membri tal-UE. B'mod partikolari, prospetti baxxi ta' tkabbir iżommu lura l-investiment, il-ħolqien tal-impjiegi u jaċċelleraw it-telfien ta' xogħol, hekk kif il-marġnijiet li jużaw flessibbiltà fil-mudelli tax-xogħol issa huma mnaqqsa.

L-isfidi li qiegħda tiffaċċja l-ekonomija tal-UE jkomplu jkunu ta' skoraġġiment. B'mod partikolari, bosta Stati Membri jkomplu jiffaċċjaw tnaqqis kbir fl-ingrannaġġ tas-setturi privati u pubbliċi. Dan it-tnaqqis fl-ingranaġġ jirrifletti t-tneħħija ta' żbilanċji finanzjarji akkumulati marbuta mal-livelli preċedenti mhux sostenibbli ta' nefqa ffinanzjati minn kreditu, f'xi każijiet immexxija minn bużżieqa tal-prezzijiet tal-assi fis-settur privat u oħrajn minn nuqqas ta' severità fiskali fis-settur pubbliku. Dan issa qed ikun ta' piż fuq it-tkabbir, hekk kif qed jonqos l-infiq u d-dħul qed jiġi dirett għall-ħlas lura tad-dejn.

Fuq nota pożittiva, hemm sinjali li l-aġġustament fl-ekonomiji tal-UE qed jimxi 'l quddiem. Is-sitwazzjoni tas-suq finanzjarju tjiebet wara s-sajf fuq l-implimentazzjoni soda tal-aġenda ta' riforma, inklużi avvanzi fl-istruttura tal-UEM, u minn deċiżjonijiet importanti politiċi fiż-żona tal-euro, inklużi mill-BĊE. L-isforzi sinifikanti tar-riforma fl-Istati Membri vulnerabbli qed jagħtu l-frott: l-ingranaġġ naqas fis-setturi privati u pubbliċi u l-kompetittività qed titjieb f'pajjiżi b'diskrepanzi kbar fil-kompetittività li joħolqu kundizzjonijiet għal aġġustament ulterjuri fil-quddiem. L-esportazzjonijiet jikkontribwixxu dejjem aktar għat-titjib f'defiċits kbar fil-kont kurrenti, li hu sinjal tajjeb għad-durabbiltà tal-korrezzjoni. Id-differenzi kbar ta' tkabbir fost il-pajjiżi tal-UE huma wkoll riflessjoni għall-aġġustament kontinwu ta': tnaqqis temporanju jew tkabbir negattiv li huwa karatteristika inerenti ta' aġġustamenti fil-fond, li, madankollu, jiftħu t-triq għat-tkabbir u l-konverġenza, li għandhom ikunu viżibbli diġà fl-2014.

L-ingranaġġ u l-proċess ta' aġġustament huma inevitabbli u l-kompitu prinċipali ta' dawk li jfasslu l-politika huwa li jmexxuh u jtaffu l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali assoċjati.

L-aġġustament fiskali jrid jkompli mat-triq ta' strateġija ta' konsolidazzjoni differenzjata favur it-tkabbir minħabba l-livelli għolja ta' dejn u l-isfidi fit-tul għall-finanzi pubbliċi. Madankollu, kif il-konsolidazzjoni fiskali jista' jkollha effetti ta' tkabbir negattiv fuq żmien qasir, din trid titwettaq b'mod favur it-tkabbir, li huwa:

- il-veloċità tal-konsolidazzjoni trid tiġi differenzjata fost pajjiżi skont l-ispazju fiskali tagħhom sabiex jintlaħaq il-bilanċ ġust bejn l-effetti potenzjali ta' tkabbir negattiv u r-riskji għas-sostenibbiltà tad-dejn. Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u r-rwol ċentrali ta' bilanċi baġitarji strutturali f'dan ir-rigward joffru il-qafas xieraq biex jiggwidaw il-veloċità differenzjata ta' aġġustament;

- filwaqt li jiffoka l-konsolidazzjoni fuq in-naħa tan-nefqa, hemm bżonn li tinħoloq taħlita ġenerali favur it-tkabbir ta' dħul u nefqa, ma' miżuri mmirati fi ħdan l-ispażju fiskali biex jipproteġu elementi ewlenin għat-tkabbir waqt li tiġi żgurata effiċjenza tan-nefqa;

Addizzjonalment, il-kredibbiltà ta' konsolidazzjoni u l-effetti pożittivi tagħha huma msaħħa jekk tkun ankrata ġo qafas fiskali kredibbli fuq żmien medju u akkumpanjata minn riformi li jindirizzaw is-sostenibbiltà fit-tul tal-kwistjonijiet li ġejjin minn popolazzjoni li qed tixjieħ.

Tnaqqis fl-ingranaġġ ordnat fis-settur privat jeħtieġ fil-biċċa l-kbira settur finanzjarju b'saħħtu u effiċjenti. Għalhekk, tiswija u ristrutturar finanzjarju għandhom jkomplu b'mod partikolari fis-settur bankarju fid-dawl tar-rwol importanti tagħhom fl-ekonomija tal-UE, iżda jridu jiġu promossi wkoll sorsi ġodda ta' finanzjament. Qafas ta' politika koerenti mikro- u makroprudenzjali hu meħtieġ biex ireġġa' lura l-fiduċja fl-istabbiltà tas-settur bankarju u biex jippromwovi fluss ta' kapital sostenibbli f'attivitajiet produttivi u biex jiġi żgurat finanzjament stabbli tal-ekonomija.

Ir-riformi strutturali huma meħtieġa biex jiffaċilitaw l-aġġustament u sabiex itejbu l-kundizzjonijiet ta' qafas għat-tkabbir. Riformi strutturali, li jtejbu l-kompetittività, is-sensittività tal-pagi u l-flessibbiltà fil-prezz huma kruċjali biex itejbu l-aġġustament tal-kapaċitajiet u biex jistimulaw it-trasferiment tar-riżorsi milli jonqos għal setturi li qed jikbru. Ir-riformi jippromwovu l-ħolqien tal-impjiegi, l-investiment fil-ħiliet u tkabbir inklussiv huma meħtieġa biex jingħeleb ir-riskju tal-isteriżmu u biex jittaffa l-impatt negattiv tal-kriżi fuq il-kundizzjonijiet soċjali. Tqassim ġust tal-aġġustament tal-piż madwar is-soċjetà huwa importanti għal tkabbir sostnut. Madankollu, fl-aħħar mill-aħħar, politika koerenti li tiġbor fiha kemm il-politiki makrofinanzjarji u strutturali hija indispensabbli biex jitkompla mill-ġdid it-tkabbir. Għalhekk azzjoni politika determinata fuq dawn il-fronti kollha hija meħtieġa biex tiġi opposta d-dinamika negattiva u titjieb il-qagħda ekonomika b'mod sostenibbli.

Il-pajjiżi taż-żona tal-euro huma f'sitwazzjoni speċifika minħabba l-interkonnessjonijiet finanzjarji u ekonomiċi li huma aktar b'saħħithom u l-effetti sekondarji riżultanti.

Flussi tal-kapital fi ħdan iż-żona tal-euro nbidlu f'daqqa, u mexjin 'il bogħod minn pajjiżi vulnerabbli. In-nuqqas ta' finanzjament estern li ħareġ bħala riżultat kien imnaqqas permezz tal-provvista ta' likwidità mis-settur uffiċjali, li waqqaf aġġustament mhux regolari. Madankollu, bħala riżultat ta' żieda fil-preġudizzju domestiku, kundizzjonijiet ta' finanzjament bejn is-setturi pubbliċi u privati kienu dejjem aktar diverġenti fi ħdan iż-żona tal-euro. Dan wassal għal politika mħallta ssikkata ħafna fl-Istati Membri vulnerabbli taż-żona tal-euro, hekk kif kundizzjonijiet stretti ta' finanzjament żiedu mal-konsolidazzjoni fiskali meħtieġa. Dan qiegħed ifixkel l-aġġustament, jikkontribwixxi aktar għal riżultati ekonomiċi diverġenti bejn il-pajjiżi fiż-żona tal-euro u jimmina l-istabbiltà taż-żona kollha tal-munita.

Il-prijorità prinċipali fiż-żona tal-euro hija li tkompli fit-triq tar-riforma strutturali u biex tinqeleb l-frammentazzjoni finanzjarja, ikun hemm titjib fil-kundizzjonijiet finanzjarji fil-pajjiżi vulnerabbli u jinkoraġġixxu l-influss u l-allokazzjoni effiċjenti ta' kapital bħala appoġġ għall-aġġustament. Din hija indispensabbli għat-tkabbir u l-aġġustament. Ukoll, il-ħtieġa li jitnaqqsu l-iżbilanċi makroekonomiċi tenfasizza l-ħtieġa ta' ritmu differenzjat għat-tnaqqis fl-ingranaġġ pubbliku bejn il-pajjiżi tal-eċċess u tal-iżbilanċ. Fl-aħħar nett, fid-dawl tal-politika monetarja waħdanija, riformi strutturali li jżidu l-flessibbiltà tal-pagi u l-prezzijiet u jiffaċilitaw l-aġġustament jaqdu rwol saħansitra akbar fiż-żona tal-euro.

Perseveranza kontinwa fir-riformi hija tal-akbar importanza sabiex jintlaħqu l-isfidi. Il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà sar operattiv mit-8 ta' Ottubru 2012 u l-BĊE ddeċieda li jintroduċi t-Tranżazzjonijiet Monetarji Diretti f'Settembru 2012. Dawn huma kontribuzzjonijiet importanti għall-indirizzar tal-isfida l-aktar immedjata biex tiġi stabbilizzata s-sitwazzjoni finanzjarja u terġa' tiddaħħal il-fiduċja. Ir-ristrutturar u l-

ibbilanċjar mill-ġdid tal-ekonomiji se jimmaterjalizzaw fuq żmien medju, hekk kif normalment ir-riformi jieħdu ż-żmien biex jieħdu effett sħiħ. Fl-aħħar nett, il-viżjoni ġenwina tal-UEM qed tiġi żviluppata bħala mira fit-tul, li għalihom diġà ttieħdu passi tanġibbli biex jappoġġaw ir-ritmu tar-riforma. Bħala riżultat, it-tensjonijiet fis-swieq finanzjarji taffew daqsxejn dan l-aħħar, imma s-swieq għadhom fraġli u saru dipendenti fuq il-kontinwazzjoni ta' politiki ta' sostenn. Għalhekk, kwalunkwe twaqqif fl-isforzi fir-riforma jew treġġigħ lura dwar deċiżjonijiet setgħu immedjatament iwasslu lura għal tensjonijiet u jġibu fix-xejn titjib riċenti.

1. KONSOLIDAZZJONI FISKALI FAVUR IT-TKABBIR EKONOMIKU

Finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli huma pre-rekwiżit essenzjali għall-istabbiltà makroekonomika u għalhekk għat-tkabbir. Dan huwa il-każ partikolarment fiż-żona tal-euro, fejn il-politika monetarja waħdanija ma tistax tirreaġixxi għal ċirkustanzi speċifiċi ta' pajjiż, u baġits nazzjonali jridu jkunu kapaċi li jiksbu mill-ġdid l-abbiltà tagħhom biex jassumu l-funzjoni tal-istabbilizzazzjoni fil-każ ta' xokkijiet speċifiċi għal pajjiż. Fl-istess ħin, l-Istati Membri taż-żona tal-euro jaqsmu effetti pożittivi ħafna aktar b'saħħithom minn politiki fiskali mhux sostenibbli, l-aktar permezz tal-kanal finanzjarju, kif muri biċ-ċar mill-kriżi attwali. Dan jitlob għal aktar responsabilità f'termini tal-iżviluppi baġitarji fil-livell nazzjonali. Dan jistabbilixxi s-sinsla ta' governanza fiskali bbażata fuq ir-regoli stabbiliti fit-Trattat u l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir (PST). Ir-rispett ta' dawn hija essenzjali għal funzjonament mingħajr xkiel tal-UME.

Il-konsolidament fiskali għandu effetti negattivi fuq it-tkabbir ekonomiku fiż-żmien qasir bħala tnaqqis fiskali li jnaqqas l-infiq aggregat, imma benefiċċji jakkumulaw fuq żmien medju. Matul kriżijiet finanzjarji l-impatt tal-politika fiskali fuq it-tkabbir jista' jkun akbar mis-soltu, hekk kif l-imsejħa multiplikaturi fiskali huma maħsuba li huma akbar milli f'kundizzjonijiet ekonomiċi normali[1]. Fi żmien qasir dan jista' jfisser ukoll effetti ħżiena fuq il-proporzjonijiet tad-dejn għal PDG minn konsolidazzjoni jekk il-proporzjonijiet ta' dejn inizjali, u b'hekk ħtiġijiet ta' konsolidazzjoni, huma għoljin.

Madankollu, f'xi Stati Membri m'hemm l-ebda alternattiva vijabbli għal konsolidazzjoni, hekk kif in-nuqqas tagħha jista' jkollha aktar konsegwenzi negattivi. Fil-preżenza ta' livelli għoli u telgħin tad-dejn, huwa meħtieġ li wieħed iħares lejn is-sostenibbiltà tad-dejn, li huwa kunċett fuq żmien medju. L-analiżi tal-Kummissjoni[2] turi li pjuttost biss taħt suppożizzjonijiet dubjużi (grad għoli ħafna ta' swieq mijopiċi fis-swieq, ħafna reazzjonijiet mhux tas-soltu ta' primjums tar-riskju) it-tisħiħ se jwassal għal effetti negattivi ta' dejn fuq żmien medju. Barra minn hekk, il-ħolqien ta' kondizzjonijiet u l-aspettattivi ta' konsolidazzjoni permanenti huma parti importanti biex jiġu evitati l-effetti negattivi ta' dejn, hekk kif l-aspettattivi ta' treġġigħ lura f'konsolidazzjoni jistgħu jneħħu l-effetti pożittivi potenzjali ta' konsolidazzjoni fuq il-primjums tar-riskju. Fl-istess ħin, fil-każ ta' Stati Membri b'diffikultajiet b'aċċess imnaqqas għas-suq, l-istima tal-ispejjeż ta' konsolidazzjoni wkoll fi żmien qasir tiddependi mix-xenarju alternattiv kkunsidrat. Meta s-sostenibbiltà fiskali tkun f'riskju, in-nuqqas ta' konsolidazzjoni tista' tirriżulta f'iktar primjums tar-riskju jew fit-telf tal-aċċess għas-suq, li jista' jwassal għal aġġustament ferm

[1] Għalkemm m'hemmx evidenza li tappoġġa propożizzjonijiet riċenti dwar id-daqs kbir tal-multiplikaturi, ara eż. il-Kaxxa I.5 "Zbalji mbassra u inċertezza fil-multiplikaturi" fit-Tbassir Ekonomiku Ewropew, Ħarifa 2012, l-Ekonomija Ewropea 7/2012

[2] Ara r-Rapport tal-Kummissjoni Ewropea (2012) dwar il-Finanzi Pubbliċi fl-UEM 2012, l-Ekonomija Ewropea 4/2012 id-DĠ tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji.

iktar drammatiku, b'konsegwenzi għat-tkabbir li huma ferm agħar milli fil-każ ta' konsolidazzjoni u titjib ta' sostenibbiltà fiskali.

Filwaqt li pajjiżi oħra tal-UE jgawdu minn aktar spazju għal manuvrar, ir-riskji li joħorġu minn rallentament ta' konsolidazzjoni fiskali għandhom ikunu vvalutati b'attenzjoni. Xi Stati Membri tal-UE bħalissa jgawdu minn rekord ta' rati tal-imgħax baxxi fuq id-dejn pubbliku tagħhom u għalhekk jista' jidher li sar żieda fis-self tagħhom mingħajr ma jħabbtu wiċċhom ma' riskji ta' dinamika mhux sostenibbli. Madankollu, anke f'dawk il-pajjiżi d-dejn huwa fuq il-livell l-iktar għoli ta' paċi. Barra minn hekk, kważi bejniethom kollha n-nefqa pubblika hija pprojettata li tiżdied minħabba x-xjuħija u prospetti baxxi ta' tkabbir f'xi każijiet. Għalhekk ma jistax jiġi eskluż li l-laxkar ta' impenn għal politiki fiskali sostenibbli jwassal għal bidla fl-opinjoni fis-suq. Dan jista' jkollu riperkussjonijiet serji mhux biss għall-pajjiżi kkonċernati iżda wkoll għall-kapaċità ta' mmaniġġjar tal-kriżijiet taż-żona tal-euro fis-sħuħija tagħha, li tiddependi fuq l-affidabbiltà tal-kreditu ta' dawn il-pajjiżi.

Grafika 1. Dejn u defiċit ta' Gvernijiet fl-Istati Membri tal-UE (tbassir għall-2012, % tal-PDG)



Sors: *Servizzi tal-Kummissjoni, Tbassir Ekonomiku Ewropew, Ħarifa 2012*

Finanzi pubbliċi tal-UE jiffaċċjaw sfidi kbar, u l-istabbiltà fiskali tista' tkun għal dik li kienet b'mod permanenti (Grafika 1)**.** L-isfidi jirriżultaw mill-ħtieġa li jitnaqqas il-livell għoli ta' dejn f'ambjent ta' prospetti baxxi ta' tkabbir, u l-pressjonijiet tal-infiq fit-tul u fejn hemm diġà piż fiskali relattivament għoli. Għalhekk, il-prinċipju ewlieni ta' konsolidazzjoni fiskali favur it-tkabbir ekonomiku jibqa' validu. L-istrateġija, li l-Kummissjoni rrakkomandat għas-Stħarriġ Annwali ta' Tkabbir preċedenti, kien ta' suċċess, anke jekk il-konsegwenzi fuq żmien qasir negattivi ma setgħux jiġu evitati, kif diskuss hawn fuq, u l-benefiċċji sħaħ jistgħu jkunu viżibbli biss fuq medda medja ta' żmien.

L-effett ta' konsolidazzjoni fuq it-tkabbir jista' jkun influwenzat mill-kompożizzjoni tagħha. Barra minn hekk, biex jiggarantixxu n-natura permanenti ta' konsolidazzjoni u jitjiebu l-aspettattivi tas-sostenibbiltà fiskali, il-konsolidazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn riformi li jsaħħu s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi u tkun appoġġata b'qafas istituzzjonali robusta.

Ir-ritmu tal-konsolidazzjoni

Ir-ritmu tal-konsolidazzjoni għandu jkun differenzjat mal-pajjiżi skont l-ispazju fiskali. B'mod partikolari, minħabba l-pressjoni persistenti fil-pajjiżi b'dejn għoli, pajjiżi li tilfu l-aċċess għas-swieq finanzjarji jew li huma taħt pressjoni tas-suq severa jridu jkomplu jimplimentaw l-impenji fiskali maqbula. Stati Membri oħrajn għandhom ikomplu jirrispettaw l-impenji tagħhom skont il-PST, li jippermetti stabbilizzaturi awtomatiċi biex jaħdmu madwar t-triq konsolidata ta' aġġustament fiskali strutturali, filwaqt li tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-finanzi pubbliċi.

Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir joffri qafas flessibbli u effiċjenti biex jiggwida r-ritmu tal-konsolidazzjoni differenzjata. Ir-regoli tal-PST jippermettu għar-ritmu ta' konsolidazzjoni biex jiġi aġġustat skont il-karatteristiċi partikolari tal-Istati Membri. Fi ħdan

il-PST, il-pajjiżi li huma assenjati miri nominali, għall-benefiċċju ta' trasparenza u l-ankraġġ ta' politiki baġitarji. Madankollu, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill jispeċifikaw ukoll l-isforz strutturali meħtieġ, li għandu jaqbad l-pożizzjonijiet sottostanti baġitarji mingħajr ma jikkunsidra l-effetti ċikliċi u l-miżuri ta' darba. Jekk pajjiż ta l-isforz strutturali miftiehem imma jonqos milli jilħaq il-miri tiegħu biss minħabba tkabbir agħar milli mistenni, dan jista' jwassal għal estensjoni tal-iskadenza għall-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv. Din il-possibbiltà li tqiegħed fil-prattika f'diversi okkażjonijiet fil-passat, l-aktar riċenti għal Spanja u l-Portugall.

Il-kompożizzjoni ta' konsolidazzjoni

Filwaqt li għandhom jiġu ppreferuti konsolidazzjonijiet immexxija minn nefqa, l-enfasi għandha tkun fuq taħlita effiċjenti u favur it-tkabbir ta' miżuri ta' nefqa u dħul. Analiżi tal-aħħar episodji ta' konsolidament tissuġġerixxi li konsolidazzjonijiet ibbażati fuq nefqa huma aktar probabbli li jirnexxu. Ukoll, minħabba piż fiskali relattivament għoli fl-UE, aktar żidiet fit-taxxa jistgħu jkollhom impatt negattiv fuq it-tkabbir tal-ġejjieni u għalhekk għandhom jiddaħħlu b'kawtela. B'mod ġenerali, sabiex tillimita l-effetti negattivi fuq żmien qasir fuq it-tkabbir, il-kompożizzjoni ta' konsolidamenti għandha ssib l-aħjar kompożizzjoni ta' miżuri favur it-tkabbir fuq in-naħa tan-nefqa kif ukoll fuq in-naħa tad-dħul.

L-effiċjenza tal-infiq u l-kwalità tal-finanzi pubbliċi b'mod ġenerali qed issir dejjem aktar importanti fid-dawl tal-isfidi fit-tul tal-finanzi pubbliċi. Fid-dawl ta' livelli storikament għoljin ta' dejn u l-impatt fit-tul tal-popolazzjonijiet li qed jixjieħu, il-pressjoni fuq in-nefqa pubblika hija probabbli li tibqa' lil hinn mill-aġġustament fiskali attwali. B'hekk l-analiżi tal-effiċjenza tan-nefqa ssir aktar importanti fir-rikonċiljazzjoni tal-ħtieġa għal finanzi pubbliċi sostenibbli u l-provvista ta' servizzi pubbliċi f'livell sodisfaċenti. L-aħjar prattiki internazzjonali juru li f'ħafna pajjiżi tal-UE hemm lok sinifikanti għal iffrankar ta' riżorsi pubbliċi għal livelli mhux mibdula ta' servizzi.

It-tiftix ta' riformi tas-settur tal-gvern u l-introduzzjoni tal-aħjar prattiki fil-prestazzjoni ta' bbaġitjar orjentat lejn il-prestazzjoni jista' jkun strumentali fiż-żieda tal-effiċjenza tan-nefqa pubblika. Hemm influwenza reċiproka sinifikanti bejn ir-riformi tal-amministrazzjoni pubblika mmexxija minn analiżi ta' nfiq u bbaġitjar ibbażat fuq prestazzjoni, f'termini ta' għanijiet u perjodi ta' żmien. Waqt li bbaġitjar orjentat għall-prestazzjoni jiffavorixxi approwċ olistiku u jeħtieġ viżjoni fuq żmien twil kemm għall-introduzzjoni u l-kunsinna ta' riżultati, riformi tal-amministrazzjoni pubblika jistgħu jiġġeneraw riżultati b'ħeffa u sinifikanti f'termini ta' effiċjenza ta' nefqa pubblika u ffrankar, sakemm huma mħejjija b'analiżi rigoruża ta' nefqa u daħlu strateġiji fuq żmien itwal. Riformi ta' amministrazzjoni pubblika jistgħu jiffokaw b'mod utli fuq l-estrazzjoni ta' tfaddil fejn indikaturi, li jinkludu tqabbil bejn pajjiżi differenti u fl-istess pajjiż, jissuġġerixxu l-akbar ambitu għat-tfaddil (ara wkoll it-Taqsima 3). Miżuri oħrajn rilevanti għall-effiċjenza tan-nefqa jistgħu jirriflettu l-varjetà ta' miri soċjo-ekonomiċi ta' punti differenti tan-nefqa, inkluż tħassib distribuzzjonali, bħal tfassil u mmirar mtejba ta' trasferimenti soċjali u għajnuna tal-Istat jew sussidji oħrajn, l-identifikazzjoni tal-biċċa l-kbira tal-proġetti produttivi ta' investiment pubbliku jew effiċjenza mtejba fil-provvista ta' oġġetti u servizzi pubbliċi. Madankollu, liema jkun l-istrument magħżul għat-tisħiħ tal-effiċjenza tan-nefqa pubblika, irid ikun akkumpanjat minn immaniġġjar tal-prestazzjoni fil-livelli kollha ta' amministrazzjoni pubblika.

Tfaddil fuq in-nefqa għandu jevita oġġetti, li għandhom impatt pożittiv fuq it-tkabbir u l-potenzjal ta' tkabbir. Fejn ikun maħsub tnaqqis, dan għandu jkun minimizzat f'oqsma li

huma relatati mal-iżvilupp tal-kapital uman u l-avvanzi teknoloġiċi. Għal investimenti pubbliċi f'assi fissi s-sitwazzjoni hija inqas ċara. Investimenti pubbliċi jikkontribwixxu għal tkabbir potenzjali biss safejn l-infrastrutturi ġodda huma inputs għal investiment privat, li japplikaw l-aktar għal investimenti fit-trasport, fil-komunikazzjoni u f'ċerti utilitajiet pubbliċi. It-tieni nett, l-investiment pubbliku f'assi fissi huwa ta' benefiċċju biss sa ċertu livell u għal Stati Membri b'livell diġà sodisfaċenti tal-infrastruttura, il-fokus għandu jkun aktar fuq il-manutenzjoni milli fuq tiġdid possibbli.

Fuq in-naħa tad-dħul tal-baġits, minkejja riformi riċenti, bosta Stati Membri għadhom jiffaċċjaw sfidi sostanzjali tal-politika tat-taxxa. Xi Stati Membri tal-UE jistgħu jibbenefikaw, għalkemm f'limiti differenti, minn miżuri fuq in-naħa tad-dħul biex jikkonsolidaw il-finanzi pubbliċi tagħhom u biex jiżguraw is-sostenibbiltà tagħhom. Madankollu, miżuri bħal dawn għandhom jimmiraw sabiex itejbu l-effiċjenza tas-sistemi tat-taxxa, filwaqt li jiżguraw tqassim ġust tal-piż ta' konsolidazzjoni mal-partijiet kollha tas-soċjetà. Dħul addizzjonali għandu jiżdied preferibbilment bit-twessigħ tal-bażijiet tat-taxxa aktar milli b'żieda tar-rati jew bil-ħolqien ta' taxxi ġodda. Dan jista' jinvolvi ħtieġa li attivament tirrevedi n-nefqa fuq it-taxxa u lakuni oħrajn fit-tassazzjoni ta' dħul personali u korporattiv, filwaqt li tnaqqas l-ambitu għal rati mnaqqsa tal-VAT jew eżenzjonijiet jew żieda tar-rati mnaqqsa għal livell eqreb tar-rata standard. Eżenzjonijiet fuq id-dazji tas-sisa jistgħu wkoll jiġu riveduti bil-għan li t-tnejn iżidu d-dħul u jikkontribwixxu b'mod effettiv għal politiki pubbliċi oħrajn (eż. il-politika tas-saħħa u tal-ambjent).

It-titjib tal-governanza tat-taxxa jista' wkoll jikkumplimenta b'mod utli miżuri li jżidu d-dħul. Xi miżuri li jindirizzaw l-evażjoni tat-taxxa, bħat-tneħħija tas-segretezza bankarja, jidhru li diġà ġabu dħul sinifikanti addizzjonali fit-taxxa fuq żmien qasir. Madankollu, il-qligħ fid-dħul minn governanza aħjar tat-taxxa huwa ta' spiss diffiċli biex jiġi stmat ex-ante u b'hekk m'għandux jiġi stmat iż-żejjed fil-kuntest ta' politika fiskali prudenti, speċjalment fuq żmien qasir. It-titjib fil-konformità fiskali jista' jieħu forom differenti, bħat-tnaqqis fl-ekonomija klandestina, il-ġlieda kontra l-frodi u l-evażjoni potenzjali tal-VAT, jew il-promozzjoni tal-effiċjenza tal-amministrazzjoni tat-taxxa. It-titjib tal-amministrazzjoni tat-taxxa hija sfida li ħafna Stati Membri jiffaċċjaw biex jiġbru dħul addizzjonali, għat-tnaqqis tal-kost għoli għal kull dħul nett miġbur u għat-tħaffif tal-piż amministrattiv għoli għal kumpaniji żgħar u ta' daqs medju.

B'rispett biex jiżdied il-potenzjal għat-tkabbir u għall-impjiegi tal-ekonomiji Ewropej, għandhom jiġu kkunsidrati riformi newtrali tad-dħul. Dan huwa l-każ speċjalment għal Stati Membri li jkollhom kemm il-marġni u l-ħtieġa għal tranżizzjoni mit-taxxi tax-xogħol għal inqas taxxi ta' distorsjoni (taxxi fuq il-konsum, taxxi rikorrenti fuq il-proprjetà, taxxi ambjentali). Kompożizzjoni tat-taxxa b'sehem għoli ta' taxxi diretti u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali flimkien ma' sehem baxx ta' taxxi indiretti jistgħu jindikaw lok għal tali trasferiment tat-taxxa. Riforma li tkun newtrali mid-dħul tista' wkoll tinvolvi tnaqqis ta' tassazzjoni tad-dħul tar-rati għoljin korporattivi.

It-tfassil tal-istrateġija ta' konsolidazzjoni u ta' riformi tat-taxxa għandu jikkunsidra kwistjonijiet oħrajn relatati mat-tfassil ta' taxxi speċifiċi. L-ewwel nett, tassazzjoni korporattiva ta' spiss tkun influwenzata lejn il-finanzjament tad-dejn minflok il-finanzjament tal-ekwità. It-tieni nett, tassazzjoni fuq id-djar hija wisq ibbażata fuq taxxi ta' tranżazzjoni aktar milli fuq taxxi rikorrenti inqas dannużi fuq proprjetà immobbli, filwaqt li dedużibbiltà mit-taxxa ta' imgħaxijiet tas-self tiġġenera preġudizzju tad-dejn u riskju ta' investiment żejjed fid-djar. Fl-aħħar nett, taxxi ambjentali jistgħu jkollhom irwol importanti biex jintlaħqu l-għanijiet ambjentali miftiehma u għandhom jipprovdu inċentivi xierqa biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' ħsara, partikolarment ta' gassijiet serra. Riformi tat-taxxa se jkollhom jirriflettu kemm l-effiċjenza ekonomika kif ukoll l-ekwità soċjali, skont il-preferenzi kollettivi. L-effetti distribuzzjonali se jkollhom jitqiesu fit-tfassil tar-riformi tat-taxxa.

L-indirizzar tas-sostenibbiltà fuq żmien twil

Il-ħtieġa għal konsolidazzjoni hija msaħħa minn sfidi mogħtija lil finanzi pubbliċi minn popolazzjoni li qed tixjieħ. Ir-Rapport ta' Sostenibbiltà Fiskali tal-2012[3] juri li d-dejn fl-UE jibqa' stabbli sal-2020, grazzi għall-isforzi ta' konsolidament fiskali riċenti u l-progress tar-riforma li kważi stabbilizza n-nefqa marbuta mal-età. Madankollu, mill-2021 'il quddiem, l-ispejjeż marbutin max-xjuħija jibdew jiżdiedu b'mod aktar sod u d-dejn fl-UE se jibda jogħla mill-ġdid biex jeqreb id-90% tal-PDG sal-2030. Din id-dinamika tista' tiġi mibdula biss permezz ta' sforzi sostnuti minn Stati Membri. Jekk it-titjib tal-bilanċ strutturali b'0.5% tal-PDG kull sena sal-għan fuq żmien medju għandu jinkiseb u jinżamm fuq żmien twil, skont il-PST, il-livell ta' dejn għandu jinġieb viċin is-60% sal-2030.

Filwaqt li xi pajjiżi diġà qed jindirizzaw pressjoni fuq l-infiq marbut mal-età, għad irid isir aktar, minbarra li jinkisbu riżultati fuq il-pjanijiet attwali. Diġà saru sforzi sostanzjali għar-riforma tas-sistemi tal-pensjonijiet f'ħafna Stati Membri f'dawn l-aħħar għaxar snin, b'impatt baġitarju pożittiv u viżibbli. Madankollu, żieda ulterjuri fuq żmien twil fin-nefqiet fuq il-pensjonijiet pubbliċi fuq medda twila ta' żmien xorta waħda hi mistennija fil-livell aggregat tal-UE[4] (+ 1.5 p.p. tal-PGD sal-2060). Dan jitlob għal sforzi msaħħa biex jirriformaw is-sistemi tal-pensjoni, speċjalment f'pajjiżi fejn iż-żidiet fin-nefqa tal-pensjonijiet huma mbassra li jkunu ferm ogħla mill-medja tal-UE u fejn il-proċess ta' riforma għadu ma bediex bis-serjetà. Fl-2012, il-maġġoranza tal-Istati Membri ingħataw rakkomandazzjonijiet biex jadattaw il-politika tal-pensjoni fl-2012. Filwaqt li sar progress tajjeb f'numru ta' pajjiżi, inkluż permezz ta' restrizzjoni ta' aċċess għal irtirar kmieni u għall-armonizzazzjoni fl-età tal-irtirar bejn l-irġiel u n-nisa, l-aġenda tar-riforma teħtieġ li tkun intensifikata jew attivata fi Stati Membri oħra.

B'hekk, ir-rabta taż-żieda fl-età tal-pensjoni mat-tul tal-ħajja tgħin biex tistabbilixxi l-bilanċ bejn is-snin ta' ħidma u s-snin tal-irtirar. Biex jiġu evitati negozjati diffiċili rikorrenti, ir-rabta preferibbilment għandha ssegwi regoli awtomatiċi. Din il-miżura hija mod effettiv sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' longevità, li tindirizza fl-istess ħin it-tħassib dwar is-sostenibbiltà u l-adegwatezza, billi tagħti inċentivi biex wieħed jaħdem aktar fit-tul u għalhekk li jakkumula drittijiet tal-pensjoni ogħla. Biex jikkontribwixxu b'suċċess lejn etajiet ikbar ta' rtirar effettiv, ir-riformi fis-sistemi tal-pensjoni huma meħtieġa li jiġu sostnuti minn politiki li jiżviluppaw l-opportunitajiet ta' impjieg għall-ħaddiema akbar fl-età u jappoġġaw it-tixjiħ attiv u b'saħħtu, ikkumplimentati b'politiki fiskali u tal-benefiċċji li jagħtu inċentivi sabiex joqgħodu aktar fuq ix-xogħol u jagħtu aċċess għal tagħlim tul il-ħajja.

Grafika 2. Żviluppi baġitarji – iż-żona tal-euro

[3] Ara l-Kummissjoni Ewropea (2012) "Ir-Rapport ta' Sostenibbiltà Fiskali 2012", l-Ekonomija Ewropea 8/2012.

[4] Ara r-Rapport tal-Kummissjoni Ewropea u l-Kumitat għall-Politika Ekonomika (2012) bl-isem "2012 Ir-Rapport dwar it-Tixjiħ: Tbassir ekonomiku u baġitarju għas-27 Stat Membru tal-UE (2010-2060)", il-Kummissjoni Ewropea, l-Ekonomija Ewropea, Nru 2.



Sors: *Servizzi tal-Kummissjoni*

L-Istati Membri wrew id-determinazzjoni fl-insegwiment ta' konsolidazzjoni fiskali u defiċits mnaqqsa b'mod sinifikanti. Skont it-Tbassir tal-Ħarifa tal-Kummissjoni għall-2012, il-medja ġenerali tad-defiċit tal-gvern fl-UE hija mistennija li tonqos minn 0.8 p.p. fl-2012 u tilħaq 3.6% tal-PGD. Għaż-żona tal-euro, l-istampa hija ġeneralment simili u d-defiċit se jinżel għal 3.3% tal-PGD. Billi jsegwi l-konsolidazzjoni fiskali fl-2013, id-defiċit ġenerali tal-gvern fiż-żona tal-euro huwa mistenni li jinżel taħt 3% tal-PGD għall-ewwel darba sa mill-2008 (Grafika 2). Fil-maġġoranza tal-Istati Membri l-kompożizzjoni ta' konsolidazzjoni tista' tiġi vvalutata bħala favorevoli għat-tkabbir u bilanċjat tajjeb bejn id-dħul u n-nefqa. Bejn l-2007 u l-2012, it-tfaddil ewlieni fin-nefqa kien rekordjat fin-nefqa tal-investiment, il-konsum intermedju u l-kont tas-salarji pubbliċi. Fl-istess ħin is-sehem ta' trasferimenti soċjali żdied b'mod ġenerali, partikolarment f'pajjiżi li ġew milquta aktar b'saħħithom mill-kriżi ekonomika.

Il-konsolidament fiskali jidher li kien aktar b'saħħtu f'termini strutturali milli f'termini nominali. L-aġġustamenti strutturali għall-2012 huma mbassra li jaqbżu 1 p.p. kemm fl-UE u fiż-żona tal-euro. Biex jintlaħaq tali eżitu, l-Istati Membri ikollhom bħala medja jżommu mal-miri nominali tagħhom, billi jieħdu miżuri korrettivi matul is-sena fil-kuntest ta' sfond makroekonomiku li qed imur għall-agħar. It-triq tal-konsolidazzjoni għandha tibqa' stabbli fl-2013, peress li l-Istati Membri jew jkollhom jimplimentaw l-isforz fiskali mitluba fil-kuntest tal-Proċedura ta' Defiċit Eċċessiv (PDE) tagħhom jew għad iridu jikkonverġu lejn l-għanijiet tagħhom għal żmien medju. Din hu mistenni li jġib l-iżbilanċ strutturali l'isfel b'aktar minn 0.5 p.p. fl-UE fl-2013.

Il-governanza fiskali u l-istituzzjonijiet baġitarji

L-oqfsa baġitarji nazzjonali solidi huma ċentrali għat-teħid ta' deċiżjonijiet fiskali sodi. Skont it-Trattati, id-deċiżjonijiet baġitarji finali jibqgħu mal-awtoritajiet nazzjonali. Huwa għalhekk essenzjali biex l-Istati Membri jaġixxu fil-livell nazzjonali sabiex itejbu l-prevedibbiltà u l-kredibbiltà tal-impenji tagħhom għal politika fiskali prudenti. Id-Direttiva dwar l-oqfsa baġitarji nazzjonali u t-Trattat dwar l-Istabbiltà, il-Konverġenza u l-Governanza (TSCG) iġġib titjib konsiderevoli fl-oqfsa fiskali nazzjonali. Traspożizzjoni xierqa tad-Direttiva sa tmiem l-2013 għandha tiżgura oqfsa baġitarji sodi madwar l-Istati Membri tal-UE, li tinkludi statistika tempestiva u komprensiva, ippjanar fuq żmien medju, id-dipendenza fuq tbassir realistiku u d-definizzjoni tar-regoli fiskali nazzjonali li jippromwovu konformità mal-obbligi baġitarji tat-Trattat. Barra minn hekk, permezz tat-TSCG, 25 Stat Membru impenjaw ruħhom li jiġbru f'liġi vinkolanti nazzjonali l-għan ta' baġit bilanċjat jew favorevoli, għalhekk jiġi ankrat prinċipju fundamentali tal-PST fil-qalba ta' oqfsa nazzjonali. Il-konformità għandha titjib iktar permezz ta' mekkaniżmi ta' korrezzjoni awtomatika nazzjonali, li jridu jkunu mfassla fuq prinċipji komuni u attivati f'ċirkostanzi definiti sew, li għandhom itejbu l-konformità.

Il-governanza fiskali fil-livell Ewropew ġiet imsaħħa u l-Kummissjoni tat aktar titjib lill-koleġiżlaturi. Il-Pakkett ta' Sitt Proposti[5] saħħaħ il-parti preventiva ta' sorveljanza fiskali tal-UE, u l-abbilità li jinstabu u jiġu korreġġuti l-iżbilanċi fiskali fi stadju bikri. Dan introduċa għodod ġodda bħal limitu ta' nefqa u regola numerika ta' dejn. Hekk kif il-politiki fiskali tal-Istati Membri li jaqsmu l-istess munita jaqsmu l-istess riperkussjonijiet baġitarji, is-sanzjonijiet finanzjarji għall-Istati Membri taż-żona tal-euro mhux konformi ġew imsaħħa, iżda ukoll qed jiġu applikati b'mod aktar gradwali u fi stadju aktar bikri. Il-Kummissjoni pproponiet titjib ulterjuri fis-sorveljanza fiskali għall-Istati Membri taż-żona tal-euro fiż-żewġ Regolamenti li jiffurmaw il-Pakkett ta' Żewġ Proposti. Ir-Regolament dwar is-sorveljanza mtejba tissimplifika u ssaħħaħ s-sorveljanza fiskali applikabbli għall-Istati Membri mhedda jew li qed jesperjenzaw diffikultajiet finanzjarji, filwaqt li r-Regolament fuq monitoraġġ imtejjeb tal-politiki baġitarji joħloq monitoraġġ aktar mill-qrib tal-Istati Membri fil-PDE sabiex tiżgura korrezzjoni f'waqtha ta' żbilanċi eċċessivi. Huwa jirrinforza wkoll azzjoni preventiva fil-livell tal-UE billi jistabbilixxi s-sisien għal koordinazzjoni tal-politika baġitarja ġenwina fl-EMU, eż. skeda ta' żmien baġitarja komuni, preżentazzjoni koordinata tal-pjanijiet baġitarji nazzjonali annwali għall-Kummissjoni qabel l-adozzjoni parlamentari tagħhom.

[5] Pakkett leġiżlattiv ta' ħames regolamenti u direttiva, li daħlu fis-seħħ fit-13 ta' Diċembru 2011. Il-leġiżlazzjoni rinfurzat il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u introduċiet sett ġdid ta' regoli għas-sorveljanza ta' żbilanċji makroekonomiċi. Ara wkoll: http://ec.europa.eu/economy_finance/articles/governance/2012-03-14_six_pack_en.htm

2. RITORN GĦALL-STABBILITÀ FINANZJARJA

Matul l-aħħar sena, it-tensjonijiet finanzjarji fis-swieq finanzjarji tal-UE komplew, imma riċentement hemm sinjali ta' titjib. Ir-riperkussjonijiet negattivi bejn sovrani fiż-żona tal-euro, il-banek u t-tkabbir komplew imexxu stress finanzjarju u kienu ta' piż fuq il-fiduċja. Azzjonijiet b'saħħithom ta' politika minn persuni li jfasslu l-politika nazzjonali riċentement wasslu għal titjib, imma l-firxiet sovrani f'pajjiżi vulnerabbli baqgħu għoljin u volatili. Fl-istess ħin, xi pajjiżi oħrajn tal-UE gawdew minn influssi kbir ta' kapital privat u raw rati ta' interess b'rekord baxx u negattiv tal-bonds sovrani tagħhom. L-interkonnessjonijiet stretti bejn is-swieq sovrani u tas-settur bankarju tal-UE jkomplu joħolqu riskji kbar fuq l-istabbiltà finanzjarja fl-UE u b'mod partikolari fiż-żona tal-euro.

Problemi ta' likwidità u finanzjament strutturali komplew fis-settur bankarju tal-UE. Partikolarment fl-Istati Membri vulnerabbli, aċċess għal finanzjament tas-suq għal numru ta' banek baqa' mxekkel. It-tnaqqis ta' klassifikazzjonijiet sovrani naqqsu l-kollateral disponibbli għall-operazzjonijiet tal-banek bil-Eurosystem u rriżulta fi tnaqqis tal-kreditu bankarju tal-banek stess li wassal għal żieda fl-ispejjeż tal-finanzjament tal-banek. Fl-ewwel nofs tal-2012, il-pressjonijiet fuq finanzjament fl-Istati Membri vulnerabbli taż-żona tal-euro komplew ġew ikkumplikati minn ħruġ ta' depożiti, filwaqt li Stati Membri b'klassifikazzjoni ogħla esperjenzaw influssi ta' depożiti sostnuti. Ukoll, il-finanzjament intern tal-banek ġie taħt pressjoni minħabba prospetti ta' tnaqqis ta' tkabbir u b'hekk għal potenzjal inqas ta' qligħ. Ir-rispons tal-banek għal pressjoni ta' finanzjament kien li jinbidel self mhux sigur għal self sigur u għall-ħruġ ta' bonds koperti. Dan irriżulta f'żieda sinifikanti fl-ammont ta' assi ingombranti fil-karti tal-bilanċ tal-banek, li tirrappreżenta sors addizzjonali ta' tħassib.

Grafika 3. Self ta' banek lil unitajiet domestiċi u korporazzjonijiet mhux finanzjarji – iż-żona tal-euro



Sors: *Servizzi tal-Kummissjoni*

L-iskarsezza ta' finanzjament ibbażat fuq is-suq u ż-żieda ta' riskji ta' kreditu minħabba staġnar jfixklu l-kapaċità tal-banek sabiex iselfu lill-ekonomija reali. Limitazzjonijiet finanzjarji huma partikolarment għoljin għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju, li huma s-sinsla tal-ekonomija tal-UE u jipprovdu l-parti l-kbira tal-impjiegi. Id-diffikultajiet għal finanzjament huma l-akbar fil-pajjiżi vulnerabbli fejn banek f'diffikultà naqqsu s-self, minkejja l-prospetti ta' tkabbir dgħajjef u l-bżonn li jitnaqqas id-dejn korporattiv u domestiku wkoll għad-domanda għal kreditu (Grafika 3). Fl-istess ħin, waqt li banek komplew l-aġġustamenti meħtieġa tal-karti tal-bilanċ tagħhom, ma kien hemm ebda sinjal ta' tnaqqis fl-ingranaġġ diżordinat jew eċċessiv. Il-flussi ta' kapital minn sorsi pubbliċi, li taffew il-fluss 'il barra ta' kapital privat, kif ukoll l-eżerċizzju ta' rikapitalizzazzjoni kkoordinat immexxi mill-Awtorità Bankarja Ewropea kellhom irwol importanti f'dan ir-rigward. Xorta waħda, il-ħtieġa għal tnaqqis fl-ingranaġġ ivvarja fost il-pajjiżi, b'banek fi Stati Membri vulnerabbli jaġġustaw il-karti tal-bilanċ tagħhom aktar malajr milli minn bnadi oħra. Fid-dawl ta' dawn il-fatturi, huwa sinjal pożittiv li fiż-żona tal-euro bħala ħaġa sħiħa, is-self mill-banek lis-settur privat stabbilizza ruħu matul l-2012 u l-aħħar Stħarriġ ta' Self tal-BĊE wera xi tnaqqis fit-tħassib tal-finanzjament.

L-emerġenza mill-ġdid ta' riskji sovrani qalleb il-proċess tal-integrazzjoni finanzjarja fiż-żona tal-euro. L-introduzzjoni tal-euro, imma wkoll l-ipprezzar globali tar-riskju ta' kreditu qabel il-kriżi, taw spinta għall-integrazzjoni tas-suq finanzjarju fiż-żona tal-euro u ffaċilitat l-flussi tal-kreditu bejn il-pajjiżi fiż-żona tal-euro. Hekk kif faqqgħet il-bużżieqa tal-assi f'xi pajjiżi u t-tfaqqis tal-kriżi tad-dejn sovran, naqsu l-flussi transkonfinali b'mod drammatiku u tnaqqas l-infiq fil-kapital wara l-fruntieri nazzjonali. Partikolarment, il-fluss tal-kapital privat fuq l-għaxar snin mit-Tramuntana san-Nofsinhar taż-żona tal-euro tal-Istati Membri ilu jonqos b'mod drammatiku, hekk kif banek kienu qed inaqqsu l-espożizzjoni transkonfinali tagħhom vis-à-vis kemm gvernijiet kif ukoll is-settur privat f'pajjiżi vulnerabbli. In-nuqqas ta' finanzjament estern li ħareġ bħala riżultat kien imnaqqas permezz tal-provvista ta' likwidità mill-Eurosystem, u fil-fażijiet aħħarija permezz ta' self UE/IMF taħt programmi ta' assistenza finanzjarja. Ukoll, żdied iż-żvantaġġ intern ta' holdings ta' dejn sovran, it-tisħiħ tal-ċirku vizzjuż ta' rispons negattiv bejn sovrani dgħajfa u banek dgħajfa.

Kundizzjonijiet ta' finanzjament għall-pajjiżi taż-żona tal-euro kollha saru diverġenti. Primjums ogħla ta' riskju f'self transkonfinali wasslu għal frammentazzjoni finanzjarja ikbar u b'hekk għal nuqqasijiet ikbar f'rati ta' interess fuq self lil intrapriżi u djar ma' pajjiżi taż-żona tal-euro. Is-settur privat issa qed jiffaċċja rati ta' interess sinfikament ogħla f'pajjiżi vulnerabbli iktar milli f'Stati Membri oħrajn, b'mod partikolari dawk li ġew perċepiti bħala swieq ta' "post ta' kenn" (Grafiki 4 u 5).

Grafika 4. Rati ta' interess fuq self lil intrapriżi	**Grafika 5. Self lil intrapriżi**
	
Nota: *Negozji ġodda, maturità sa sena* Sors: *Servizzi tal-Kummissjoni*	Nota: *Indiċi ta' ishma nazzjonali u rata ta' tkabbir y-o-y* Sors: *Servizzi tal-Kummissjoni*

Id-diżfunzjonalità ta' swieq tal-kreditu madwar iż-żona tal-euro toħloq sfidi sinifikanti għall-funzjonament tal-Unjoni Monetarja. L-aġġustament u r-ristrutturar li għaddejjin fl-Istati Membri vulnerabbli taż-żona tal-euro jistrieħ ħafna fuq it-tkabbir. Il-proċess tagħhom ta' aġġustament fuq ir-ritorn ta' kondizzjonijiet normali ta' self mis-sistema bankarja, attwalment m'għandux irwol proprju ta' intermedjazzjoni fis-suq uniku. Superviżjoni mikro u makro-prudenzjali b'dimensjoni transkonfinali, għandha tikkontribwixxi għal sistema bankarja integrata għar-ritorn tal-funzjoni tagħha bħala intermedjarja finanzjarja.

Ir-ritorn għall-kundizzjonijiet għal self normali lill-ekonomija jeħtieġ li jiġu indirizzati l-ġheruq sottostanti tal-banek f'diffikultà. Tweġibiet sodi għall-politika ġew adottati fil-livell tal-UE biex jiġi eliminat iċ-ċiklu vizzjuż bejn il-banek dgħajfa u s-sovrani tagħhom, għall-indirizzar tad-diffikultajiet ta' finanzjament, għall-frammentazzjoni finanzjarja u l-mekkaniżmi tat-trażmissjoni monetarja mkissra fiż-żona tal-euro.

Bħala parti tat-triq ġenwina lejn l-EMU, il-Kapijiet tal-Istat qablu f'Ġunju tal-2012 biex jimxu lejn l-Unjoni Bankarja, b'Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) bħala l-ewwel pass tanġibbli. Wara l-ftehim, il-Kummissjoni ppreżentat proposti biex tistabbilixxi l-MSU u tagħti setgħat superviżorji lill-Bank Ċentrali Ewropew. Fl-istess ħin, l-Awtorità Bankarja Ewropea se tkun allinjat mal-qafas il-ġdid għas-superviżjoni bankarja sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fil-livell tal-UE. Il-ħolqien tal-MSU għandu l-għan li jneħħi d-differenzi fil-prattiki superviżorji, li kkontribwixxew għal framentazzjoni tas-suq finanzjarju Ewropew u poġġew is-settur bankarju f'riskju. Il-MSU se jiżgura li l-Istati Membri kollha li jipparteċipaw għandhom fiduċja sħiħa fil-kwalità u l-imparzjalità tas-superviżjoni bankarja. Hija kundizzjoni importanti biex jiġi garantit li l-flussi kapitali se jappoġġaw l-ibbilanċjar mill-ġdid fi żmien qasir u mhumiex se jwasslu għal żbilanċi ġodda fil-ġejjieni (Ara wkoll it-Taqsima 3).

Bit-twaqqif tal-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) iż-żona tal-euro ġiet mgħammra bi protezzjoni (firewall) soda permanenti. Kapaċità ta' finanzjament kbir (EUR 500 biljun) u sett ta' strumenti flessibbli jagħmlu l-MES għodda qawwija biex ikisser il-ċirku vizzjuż negattiv bejn il-banek u s-sovrani u jgħin biex jirrestawra l-fiduċja. Minbarra l-ħlasijiet ta' self jew linji ta' kreditu mxekkla għal likwidità limitata għall-Istati Membri taż-żona tal-euro, il-MES għandu sett estensiv ta' strumenti u jista' jintervjeni fuq swieq primarji u sekondarji, taħt il-kundizzjonalità li ma jimplikawx neċessarjament it-talba sħiħa ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku.

Il-possibbiltà li l-ESM jintuża biex direttament jirrikapitalizza l-banek se jkun għodda b'saħħitha biex jiġi eliminat iċ-ċiklu vizzjuż bejn il-banek u s-sovrani fiż-żona tal-euro. Il-MES jista' wkoll jipprovdi self speċifikament immirati lejn ir-rikapitalizzazzjoni ta' bank. S'issa, madankollu, dan is-self jista' jingħata lill-Istati Membri biss, li mbagħad jużawhom għar-rikapitalizzazzjonijiet tal-banek tagħhom f'diffikultà. Għalkemm jġibu xi solliev għal gvernijiet b'likwidità limitati, dan l-approwċ kien it-tieni l-aħjar soluzzjoni għal problema ta' interkonnessjoni bejn banek u sovrani. B'mod partikolari, self ta' dan it-tip jiġi rreġistrat fil-kontijiet fiskali tal-Istati Membri u jżid id-dejn pubbliku tagħhom. Sabiex tingħeleb din il-problema, is-Summit taż-Żona tal-Euro ddeċieda f'Ġunju 2012 biex jippermetti lill-MES biex jirrikapitalizza l-banek direttament, wara li l-SSM ġie stabbilit b'mod effettiv. Dan hu pass importanti lejn is-separazzjoni tar-riskji ta' banek u s-sovranitajiet fiż-żona tal-euro u se jkun pass ewlieni lejn riżoluzzjoni b'suċċess tal-kriżi taż-żona tal-euro.

Il-Bank Ċentrali Ewropew ħa miżuri effettivi biex jittaffew il-limitazzjonijiet fuq il-finanzjament tal-banek u biex isewwi l-mekkaniżmu monetarju ta' tranżizzjoni. Iż-żewġ Operazzjonijiet ta' Rifinanzjament fuq Żmien Twil ta' 3 snin imwettqa mill-BĊE f'Diċembru 2011 u Frar 2012 imlew nuqqasijiet akuti ta' rifinanzjament għal banek taż-żona tal-euro billi jiggarantixxu aċċess lil banek għal finanzjament bi prezz baxx fuq żmien medju. Madankollu, peress li l-pressjoni ta' finanzjament ippersista u f'xi Stati Membri taż-żona tal-euro kien hemm sinjali ta' interruzzjonijiet gravi fil-mekkaniżmu tat-trażmissjoni monetarju saru evidenti, il-BĊE introduċa għodda ġdida - Transazzjonijiet Monetarji Definittivi (OMTS) - biex tissalvagwardja t-trażmissjoni proprja tal-politika monetarja fiż-żona tal-euro. OMTs huma tranżazzjonijiet diretti fi swieq sekondarji ta' bonds sovrani suġġetti għal

kundizzjonalità stretta u effettiva b'rabta ma' programm ta' aġġustament iffinanzjat mill-MES. Filwaqt li l-għodda ma ntużatx s'issa, mit-tħabbir tagħha diġà wasslet għal titjib fis-swieq tal-bonds sovrani taż-żona tal-euro u flimkien mal-pjanijiet biex jimplimentaw l-Unjoni Bankarja, għandha potenzjal kbir biex ittaffi t-tensjonijiet finanzjarji fiż-żona tal-euro u jerġa' jkun hemm kondizzjonijiet għal self b'saħħtu lill-ekonomija.

Filwaqt li azzjonijiet ta' politika qawwija naqsu t-tensjonijiet ta' fuq is-suq, is-swieq issa huma dipendenti ħafna fuq il-kontinwazzjoni ta' politiki ta' appoġġ u l-implimentazzjoni tal-impenji. Vulnerabbiltajiet sottostanti għadhom preżenti fl-UE u partikolarment fis-sistema finanzjarja taż-żona tal-euro. Fl-istess ħin, it-tul tal-kriżi fiż-żona tal-euro wassal għal dipendenza għolja tal-iżviluppi tas-suq dwar miżuri ta' politika. B'hekk, ċertezza fuq azzjonijiet ta' politika u implimentazzjoni sfurzata tal-miżuri miftiehma u tal-politiki ta' riforma nazzjonali hija kruċjali biex tinżamm il-volatilità tas-suq. L-impenn biex jinbena UEM ġenwin, u Unjoni Bankarja b'mod partikolari, se jerġa jġib stabbilità finanzjarja fuq bażi permanenti.

3. RIFORMI STRUTTURALI BIEX JAPPOĠĠJAW IT-TKABBIR U JIKKOREĠU L-IŻBILANĊI

Titjib fil-kunfidenza u tkabbir fil-qawmien mill-ġdid fuq żmien qasir waqt li jinħolqu kundizzjonijiet għal tkabbir sostenibbli fil-futur huwa l-isfida ewlenija fl-istadju attwali. F'kuntest ta' politiki makroekonomiċi ristretti, ir-riformi strutturali huma element kruċjali fl-istrateġija ta' tkabbir u bbilanċjar mill-ġdid, bil-għan li jiġi liberat il-potenzjal mhux sfruttat tal-ekonomiji tal-UE. Saru sforzi sinifikanti ta' riforma fil-pajjiżi vulnerabbli hekk kif il-kriżi kompliet. Għalkemm il-bżonn għal azzjoni f'dawn l-Istati Membri hija aktar urġenti, it-tkabbir kemm fuq żmien qasir u fuq żmien medju-twil huwa mifrux mal-UE u jeħtieġ reazzjoni kollettiva. Minkejja differenzi sinifikanti fis-sitwazzjoni ekonomika madwar l-Istati Membri, approċċ ikkoordinat għar-riformi mal-Istati Membri u fil-livell tal-UE jiskatta momentum politiku, u jnaqqas ristrezzjonijiet għall-ekonomija politika u b'hekk jiffaċilita l-proċess ta' riforma.

Grafika 6. Bilanċji tal-kont kurrenti – iż-żona tal-euro u l-Istati Membri



Sors: *Servizzi tal-Kummissjoni*

Grafika 7. Spejjeż ta' unità ta' xogħol u kumpens nominali għal kull impjegat – iż-żona tal-euro



Sors: *Servizzi tal-Kummissjoni*

Tkabbir fl-ekonomija tal-UE bħalissa huwa ristrett bi żbilanċi makroekonomiċi persistenti u l-ħtieġa li jiġu aġġustati eċċessi tal-passat fis-self u l-konsum. Tkabbir inqas

temporanju huwa karatteristika inerenti ta' aġġustament, hekk kif ekonomiji għadejjin minn ristruttrar, riżorsi huma trasferiti minn setturi mhux kummerċjabbli għal setturi kummerċjabbli u l-karti tal-bilanċ fis-setturi kollha tal-ekonomija ikollhom jaġġustaw għaċ-ċirkostanzi. L-aġġustament meħtieġ kompla matul l-aħħar sena minkejja l-kuntest ekonomiku diffiċli u qed jagħti l-frott. Iċ-ċifri ewlenin għal bilanċi tal-kontijiet kurrenti, id-dejta kummerċjali u d-domanda interna juru dak l-aġġustament huwa għaddej fl-UE, inkluż fost pajjiżi taż-żona tal-euro, għalkemm huwa meħtieġ progress ulterjuri (Grafika 6). L-aġġustament bħalissa għaddej wkoll f'programm u f'pajjiżi vulnerabbli oħra, inkluż dawk fejn il-progress deher limitat sa ftit ilu. Żbilanċi ta' kontijiet kurrenti mhux biss qed jidjiequ, iżda wkoll żviluppi fil-kosti ta' unità lavorattiva qed jappoġġjaw bilanċ mill-ġdid aktar fil-futur (Grafika 7). F'xi pajjiżi b'defiċit, pagi nominali qed jiġu aġġustati kemm fis-settur pubbliku u privat.

Grafika 8. Konti kurrenti u l-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali nett (NIIP) pajjiżi ta' eċċess u defiċit



Sors: *Servizzi tal-Kummissjoni*

L-aġġustament li bħalissa għaddej f'pożizzjonijiet esterni jidher li huwa l-aktar ta' natura strutturali. Pajjiżi b'defiċit esperjenzaw kompressjoni kbira fl-importazzjonijiet u xi espansjoni fl-esportazzjonijiet. Filwaqt li l-kompressjoni tal-importazzjoni kienet dominanti s'issa, il-kisbiet fil-kompetittività jħejju għal espansjoni fil-futur tal-esportazzjoni u – skont it-Tbassir Ekonomiku tal-Ħarifa tal-Kummissjoni - il-kontribuzzjoni tal-esportazzjoni għall-bilanċjar mill-ġdid hi mistennija li żżid fuq l-orizzont tat-tbassir. Sakemm il-kisbiet tal-kompetittività huma sostnuti, iż-żieda fl-esportazzjonijiet għandha twassal għall-iżvilupp tal-industriji orjentati lejn l-esportazzjonijiet u għan-natura permanenti tal-aġġustament. Madankollu, il-bilanċjar mill-ġdid estern fil-flussi tal-kont kurrenti għadu mhux biżżejjed biex ibbidel tendenzi fl-istokkijiet (il-pożizzjoni tal-investiment internazzjonali netta u d-dejn estern) (Grafika 8). F'ħafna pajjiżi bid-defiċit, il-proporzjonijiet tad-dejn estern mal-PDG jibqa' jiżdied; jekk qed jonqsu, dan hu l-aktar minħabba r-rivalutazzjoni kbira ta' obbligazzjonijiet. Se jkun hemm bżonn ta' aġġustament konsiderevoli, li l-ispiża tiegħu – partikolarment f'termini ta' impjieg – se jiddependi fuq il-kapaċità ta' aġġustament tal-Istati Membri. Il-progress fit-tnaqqis tal-iżbilanċji bilaterali tal-kontijiet kurrenti bejn pajjiżi b'eċċess u b'defiċit kien aktar viżibbli. Għall-pajjiżi b'eċċess, hemm ukoll sinjali ta' bbilanċjar mill-ġdid lejn id-domanda domestika, għalkemm l-aġġustament tal-bilanċi tal-kontijiet kurrenti jirrifletti wkoll li l-kont kurrenti taż-żona kollha tal-euro mar f'eċċess.

Filwaqt li l-effett sħiħ tar-riformi strutturali fuq it-tkabbir u l-ibbilanċjar mill-ġdid huwa probabbli li jimmaterjalizza fuq iż-żmien medju u twil, il-kisbiet jistgħu joħorġu wkoll fi żmien qasir. Proċessi ta' riforma huma normalment assoċjati mal-ispejjeż ta' aġġustament u ta' tranżizzjoni fuq perjodu qasir, wkoll minħabba d-distribuzzjoni

ġeneralment inugwali bejn il-kumpaniji u l-individwi. Madankollu, ir-riformi strutturali jistgħu jkollhom ukoll effetti ta' espansjoni immedjat, sakemm dawn itejbu l-kunfidenza u l-aspettattivi tal-atturi ekonomiċi kollha. Għandha tingħata prijorità għal riformi li jinvolvu spejjeż baġitarji bl-inqas impatt (bħal riformi li jtejbu l-kompetizzjoni fis-swieq tal-prodott), filwaqt li l-enfasi għandha tingħata wkoll li jintlaħaq l-aħjar kundizzjonijiet qafas (eż. permezz ta' djalogu soċjali msaħħaħ) biex jappoġġja azzjoni f'oqsma ta' politika li huma tradizzjonalment aktar diffiċli għal riforma, bħal fis-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, sinerġiji bejn oqsma differenti ta' riforma jeħtieġu li jiġi kkunsidrati. Pereżempju, ir-riformi tas-suq tax-xogħol bil-għan li jimmoderaw spejjeż ta' unità ta' xogħol jistgħu jkunu aktar effettivi fit-tmexxija tal-kompetittività jekk assoċjati mar-riformi tas-suq tal-prodott bil-għan li jżidu l-kompetizzjoni u t-tagħsir fil-marġini. F'termini ġenerali, interazzjonijiet fost l-oqsma differenti ta' riforma u meta jkun xieraq għandhom jiġu studjati bir-reqqa, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet speċifiċi prevalenti f'kull Stat Membru.

Ir-regolament u s-superviżjoni finanzjarja għandhom irwol importanti x'jaqdu biex jiżguraw bilanċjament mill-ġdid u prevenzjoni ta' ċikli b'żieda sostnuta u tnaqqis f'daqqa (boom-and-busts cycles) ta' ħsara. Il-proċess meħtieġ ta' tnaqqis fl-ingranaġġ li jseħħ fis-settur privat f'xi pajjiżi tal-UE, marbut ukoll mal-kundizzjonijiet finanzjarji stretti deskritti fit-Taqsima 2, jista' jaffettwa b'mod negattiv it-tkabbir fuq żmien qasir. Madankollu, huwa prekundizzjoni għall-korrezzjoni ta' żbilanċi interni u esterni eċċessivi. B'mod parallel, tkabbir eċċessiv fil-kreditu u fl-ingranaġġ fis-settur finanzjarju, kif muri qabel il-kriżi, iwassal għal akkumulazzjoni ta' vulnerabilitajiet fis-settur finanzjarju li jġorru riskju għoli ta' korrezzjoni diżordnata, b'konsegwenzi negattivi għat-tkabbir ekonomiku. F'dan il-kuntest, l-iżvilupp ta' għodod effettivi makro u mikroprudenzjali huwa kruċjali biex jiggarantixxi li, ladarba l-kundizzjonijiet ta' finanzjament madwar l-UE jiġu normalizzati, l-ibbilanċjar mill-ġdid ser ikompli jseħħ fuq il-bażi ta' flussi kapitali sostenibbli lejn l-attivitajiet l-aktar produttivi u lejn il-ħtiġijiet ta' investiment tal-ekonomija tal-UE, u li l-aktar żbilanċi eċċessivi mhux se jinbnew mill-ġdid.

Dawk ir-riformi strutturali li jsaħħu l-produttività u jibqgħu prijorità li jrawmu prospetti ta' tkabbir fuq żmien medju ta' żmien u jiżguraw bilanċ mill-ġdid dejjiema tal-ekonomija tal-UE. L-evidenza empirika turi li riformi li jimmiraw lejn żieda fl-effiċjenza ta' prodott, servizz u swieq tax-xogħol tista' tħeġġeġ il-produttività, l-innovazzjoni u żżid l-output u l-livelli tal-impjieg. Riformi strutturali orjentati speċifikament lejn l-appoġġ ta' innovazzjoni, l-investiment fi u l-użu ta' ICT u jżidu aktar il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ jistgħu jkollhom ukoll impatt dirett fuq il-produttività. Riformi bħal dawn huma wkoll favur ir-riallokazzjoni tax-xogħol u tal-kapital, li jippermetti għal ċaqliq lejn setturi b'potenzjal għoli ta' tkabbir (inkluż tkabbir fis-setturi ekoloġiċi u diġitali). Barra minn hekk, dawn it-tip ta' riformi strutturali jista' jkollhom rwol kruċjali fit-tnaqqis ta' żbilanċi interni u esterni, eż. permezz ta' tijtib fl-infiq pubbliku u bir-rendiment tal-esportazzjoni. Ir-rilevanza ta' riformi strutturali huma partikolarment rilevanti fiż-żona tal-euro meta l-prezzijiet relattivi ma jistgħux jiġu influwenzati minn movimenti fir-rati nominali tal-kambju.

It-trawwim ta' opportunitajiet għal tkabbir ekoloġiku jista' jsarraf f'prestazzjoni aħjar kemm fuq livelli makroekonomiċi u mikroekonomiċi. Bidla lejn modi ta' produzzjoni effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u b'livell baxx ta' karbonju se jtaffi l-pressjoni ta' xokkijiet fil-prezzijiet tal-prodotti bażiċi fuq livelli tal-kosti u aspettativi inflazzjonarji. Se tnaqqas ir-riżorsi u d-dipendenza enerġetika, u għalhekk it-tnaqqis tad-defiċit kummerċjali u ttejjeb il-kompetittività tal-ekonomija tal-UE fuq żmien twil. L-UE fasslet politiki biex itejbu l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, inklużi miri ambizzjużi li se jkollhom implikazzjonijiet għall-Istati Membri kollha. Il-benefiċċji sħaħ ta' dawn il-politiki ser jiġu maħsuda biss jekk ikunu akkumpanjati b'qafas regolatorju stabbli u prevedibbli biex jidderieġi l-investiment, xiftijiet tat-taxxa li jitbiegħdu ix-xogħol lejn taxxi ambjentali u fuq il-konsum u t-tneħħija gradwali tas-sussidji ta' ħsara għall-ambjent, u skont il-miżuri biex jippromwovu l-ħolqien ta' swieq u teknoloġiji ħodor ġodda kif ukoll bidla lejn xejriet aktar ekoloġiċi tal-produzzjoni u tal-konsum.

Il-momentum għandu jinżamm f'termini ta' liberalizzazzjoni tas-swieq ta' prodotti u servizzi. Hija meħtieġa azzjoni ulterjuri sabiex ineħħu restrizzjonijiet mhux ġustifikati u titjieb tal-kompetizzjoni fis-swieq tal-prodotti u servizzi, notevolment fl-oqsma tal-kummerċ bl-imnut, il-professjonijiet regolati, il-kostruzzjoni, it-turiżmu u servizzi għal negozji kif ukoll l-industriji tan-netwerk. Din teħtieġ ukoll azzjoni fil-livell tal-UE, fejn Suq Uniku li jaħdem tajjeb jista' jtejjeb kemm il-potenzjal tat-tkabbir u jikkontribwixxi għat-tneħħija ta' żbilanċi. Sabiex jinħeles il-potenzjal sħiħ tiegħu, l-iżvilupp tas-Suq Uniku jeħtieġ titjib ambizzjuż, kemm bit-tisħiħ tal-infurzar u billi żżid l-isforzi ta' riforma fuq livell ta' pajjiż, kif stabbilit fl-

Atti I u II tas-Suq Uniku. F'dan il-kuntest, Stati Membri huma msejħa biex b'mod partikolari, jagħmlu miżuri ambizzjużi biex jimplimentaw id-Direttiva tas-Servizzi, minħabba l-potenzjal tagħha ta' tkabbir u ta' aġġustament tal-kapaċità[6].

Grafika 9. Indiċi ta' Effettività tal-Gvern, l-Istati Membri tal-UE, 2011



Nota: *L-Indiċi ta' Effettività tal-Gvern tal-Bank Dinji juri l-perċezzjoni tal-popolazzjoni fuq il-kwalità tas-servizzi pubbliċi u ċivili u l-grad ta' indipendenza minn pressjonijiet politiċi, il-kwalità tal-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika, u l-kredibbiltà tal-impenn tal-gvern għal politiki bħal dawn. L-indiċi juża valuri b'firxa minn -2.5 to 2.5.*

Sors: *Bank Dinji*

Titjib tal-ambjent tan-negozju, anke billi jfittxu modi biex tiżdied l-effiċjenza tas-settur pubbliku, hija prijorità ewlenija. Ambjent tan-negozju miftuħ u effettiv huwa katalist għat-tkabbir, peress li jippromwovi attività tan-negozju u jnaqqas l-ispejjeż mhux meħtieġa għall-intrapriżi. L-evidenza turi li l-kumplessità amministrattiva jew il-burokrazija għandha impatt negattiv sinifikanti fuq il-livell tal-intraprenditorija, l-innovazzjoni u l-kompetittività, u dwar flussi tal-FDI intern, li jistgħu jaqdu rwol sinifikanti biex jiġu indirizzati l-iżbilanċi. Barra minn hekk, il-piż regolatorju eċċessiv jirrappreżenta stimulu għall-iżvilupp tal-ekonomija klandestina. Amminstrazzjoni pubblika effiċjenti għandha twassal servizzi għall-ekonomija kollha mingħajr ma timponi piż burokratiku sproporzjonat fuq l-operaturi ekonomiċi (Grafika 9). Li jiġu indirizzati l-problemi fl-amministrazzjoni pubblika jikkontribwixxi kemm għall-konsolidazzjoni fiskali u għall-kompetittività u prospetti ta' tkabbir. B'mod partikolari, ir-riformi tas-sistema ġudizzjarja jnaqqsu r-riskji u l-inċertezza li tibda u tagħmel negozju, li jwasslu għal investiment u kontribuzzjoni għat-tnaqqis tal-ispejjeż ta' tranżazzjoni u jsaħħu l-

[6] L-istimi tas-servizzi tal-Kummissjoni juru li qligħ assoċjat ma' din l-implimentazzjoni attwali tad-Direttiva tas-Servizzi fl-Istati Membri huma fl-ordni ta' 0.8% tal-PGD tal-UE, filwaqt li implimentazzjoni xi ftit iktar ambizzjuża, fejn kull pajjiż irid jikseb il-livell medju tal-UE ta' ostakoli għal forniment transkonfinali u t-twaqqif ta' attivitajiet ta' servizzi, iġġib qligħ addizzjonali b'valur ta' 0.4 punti perċentwali tal-PGD. Taħt xenarju ambizzjuż ħafna, fejn kull Stat Membru għandu jilħaq il-medja tal-ħames pajjiżi bl-aħjar prestazzjoni, ammont addizzjonali ta' 1.8% ta' tkabbir tal-PGD jista' jinkiseb fil-livell tal-UE.

kompetizzjoni. Għal dan il-għan, bosta Stati Membri diġà adottaw miżuri biex jinkiseb ħarsien aktar effettiv u standardizzat tas-servizz pubbliku. Oqsma ewlenin ta' riforma jinkludu s-sistemi ġudizzjarji u użu msaħħaħ tal-e-government u l-e-procurement.

Il-qgħad sar kwistjoni serja ħafna f'numru ta' pajjiżi tal-UE, b'żieda fl-implikazzjonijiet ekonomiċi, soċjali u politiċi (Grafika 10). Il-qgħad li qed jiżdied huwa akkumpanjat minn żieda kbira fil-livell ta' diverġenza madwar is-swieq tax-xogħol tal-UE. Filwaqt li fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi l-qgħad żdied u laħaq livelli rekord f'xi każijiet, f'xi Stati Membri dan ilu jonqos. Perjodi itwal 'il barra mix-xogħol u tqabbil agħar bejn id-domanda tax-xogħol u l-provvista f'ħafna pajjiżi tal-UE, ukoll minħabba bidliet settorjali f'xi pajjiżi, jimplikaw li l-qgħad jista' jkun iktar strutturali b'effett negattiv fuq il-potenzjal ta' tkabbir fuq żmien twil.

Grafika 10. Ir-rata ta' tkabbir tal-impjiegi u r-rata tal-qgħad – UE



Sors: *Servizzi tal-Kummissjoni*

Riformi strutturali għandhom irwol ewlieni f'li jiġi indirizzat il-qgħad filwaqt li jtejbu t-tkabbir u jippromwovu l-aġġustament. Eventwalment, sabiex inaqqsu sostanzjalment ir-rati tal-qgħad huwa meħtieġ li jinħolqu l-kundizzjonijiet għal kunfidenza mġedda u domanda għax-xogħol stabbli. Fl-istess ħin, it-tnaqqis tal-qgħad ser ikun element ewlieni biex isaħħaħ il-fiduċja u jiżgura s-sostenibbiltà soċjali u politika tar-riformi attwali. Madankollu, l-isfida immedjata hija li tamministra r-rati tal-qgħad għolja u persistenti taħt kondizzjonijiet ta' tkabbir imrażżna u, f'xi pajjiżi, fl-isfond ta' tnaqqis fl-ingranaġġ u bilanċjar mill-ġdid estern. Fid-dawl tal-kundizzjonijiet differenti fis-suq tax-xogħol madwar l-UE, ir-rispons politiku jeħtieġ koordinazzjoni iżda adattata għaċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull pajjiż.

Mill-bidu tal-kriżi, bosta pajjiżi tal-UE ħadu approċċ attiv lejn riforma tax-xogħol. F'xi każijiet, il-pjanijiet ta' riforma ambizzjuża jkunu għaddew, bil-għan li joħolqu kundizzjonijiet aktar favorevoli għall-impjiegi (Grafika 11). Attività fir-riforma tidher li hija fil-biċċa l-kbira konformi mal-prijoritajiet stabbiliti fil-livell Ewropew, notevolment ma' miżuri li jgħinu biex jagħmlu s-swieq tax-xogħol aktar dinamiċi, li jnaqqsu l-prekarjetà u jtejbu l-kompetittività. Xi pajjiżi b'qgħad għoli u żbilanċi esterni kbar għelbu l-isfida għat-titjib tar-reattività ta' pagi u l-kapaċità tal-aġġustament tas-suq tax-xogħol tagħhom, l-aktar billi jirriformaw il-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-impjiegi (EPL) u s-sistema ta' ffissar tal-pagi. Il-protezzjoni tad-dħul, politiki tal-attivazzjoni u għajnuna fit-tfittxija għal impjiegi ġew adattati għaż-żieda tal-isfidi tas-suq tax-xogħol. Madankollu, mhux il-pajjiżi kollha s'issa ħadu l-passi meħtieġa biex jiffaċċjaw l-isfidi politiki li qed jiffaċċjaw.

Grafika 11. Numru ta' mizuri mis-suq tax-xogħol skont id-dominju, total tal-UE



Nota: *ALMPs jeskludu taħriġ.*

Sors: *Servizzi tal-Kummissjoni, DĠ ECFIN bażi ta' dejta LABREF.*

L-indirizzar tal-qgħad u appoġġ għall-ħolqien ta' impjieg għandhom ikunu fuq nett għall-aġenda tal-politika. Għandu jinżamm il-momentum fir-riforma tas-suq tax-xogħol, partikolarment f'pajjiżi karatterizzati minn sfidi ewlenin fis-suq tax-xogħol. Il-punt sa fejn it-tkabbir potenzjali jista' jikber b'mod sostenibbli fil-biċċa l-kbira jiddependi fuq kemm id-diffikultajiet fis-suq tax-xogħol jirnexxilhom jiġu indirizzati u r-riskju ta' isteresi tal-qgħad jiġi indirizzat. Tweġibiet politiċi xierqa huma meħtieġa b'urġenza biex jindirizzaw l-isfidi tas-suq tax-xogħol strutturali u istituzzjonali (is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, id-deterjorament strutturali fil-proċess ta' tqabbil tal-impjiegi u qgħad strutturali persistenti). L-isforzi mmirati lejn riformi strutturali ambizzjużi li jiffavorixxu aġġustament (EPL, twaqqif ta' pagi) u l-implimentazzjoni xierqa ta' miżuri promulgati teħtieġ li tinżamm f'pajjiżi bi sfidi ewlenin tas-suq tax-xogħol. Miżuri speċifiċi jistgħu jiġu kkunsidrati wkoll biex tiġi stimulata d-domanda għax-xogħol bit-tnaqqas tat-tassazzjoni fuq ix-xogħol – b'mod partikolari fuq gruppi bi dħul baxx - meta l-kundizzjonijiet fiskali jkunu jippermettu u billi jappoġġjaw l-intraprenditorija u l-ekonomija soċjali. Barra minn hekk hemm il-ħtieġa għal miżuri mmirati biex jippromwovu r-reklutaġġ ta' gruppi speċifiċi ta' ħaddiema f'riskju li jitilqu mill-forza tax-xogħol (bħal dawk qiegħda fuq żmien twil jew ħaddiema żgħażagħ mingħajr esperjenza), inkluż permezz ta' politiki attivi tas-suq tax-xogħol u kosteffettiv bl-isfruttament tal-potenzjal ta' setturi li jkunu mimlija opportunitajiet ta' impjiegi.

Anness. Indikaturi magħzula makroeconomiċi

	Growth and jobs						Kompetittività							Finanzi Pubbliċi						Stabbiltà Finanzjarja			
	PDG per capita fil-PPS	GDP growth projec-tion	Employ-ment rate	Long-term unemplo-yment*	Youth unemp-loyment (<25)*	Ir-rata ta' sehem fil-forza tax-xogħol*	Spejjeż nazzjonali għal kull unità ta' ħidma*			Kumpens Nominali għal kull impjegat*		Bilanċ tal-kont kurrenti*	Is-sehem tas-suq fl-esportazzjon ijiet (oġġetti + servizzi)*	Dejn Ġenerali tal-Gvern*	Il-pożizzjoni tal-baġit tal-Gvern Ġenerali*	Il-piż ġenerali tat-taxxa	L-Indikatur ta' Sostenibbiltà (S2)*	L-età medja ġhall-hruġ mill-forza tax-xogħol*	It-tul tal-ħajja*	Dejn privat*	Self mhux produttiv	Rati tal-firxa ta' interess fuq żmien twil vis-à-vis il-Ġermanja	Dħul fuq l-ekwità
							L-ekonomija kollha	Servizzi	Manifattu rar	Settur Pubbliku	Settur Privat													
	Livell imqabbel mal-UE27=100	Ir-rata annwali ta' bidla	Grupp ta' età 15-64	% tal-popolazzjoni attiva	% tal-popolazzjoni attiva	%	Ir-rata annwali ta' bidla	Ir-rata annwali ta' bidla	Ir-rata annwali ta' bidla	Ir-rata annwali ta' bidla	Ir-rata annwali ta' bidla	% tal-PDG	% ta' bidla	% tal-PDG	% tal-PDG	Taxxi totali bħala % tal-PDG	Livelli ġholja jfissru sostenibbiltà dgħajfa	2010 jew l-iktar wieħed riċenti disponibbli	Mas-60 sena	% tal-PDG	%	Punti ta' persentaġġ	%
	2011	2012	2011	2011	2011	2011	2011	2011	2011	2011	2011	2011	2011	2011	2011	2011	2011		2011 jew l-iktar wieħed riċenti disponibbli	Marzu 2012	2011 jew l-iktar wieħed riċenti disponibbli	Settembru 2012	2011 jew l-iktar wieħed riċenti disponibbli
BE	118	-0.2	61.9	3.5	18.7	66.7	2.7	2.6	-0.9	3.5	2.9	1.0	5.0	97.8	-3.7	45.6	7.4	61.6	23.6	238.4	4.2	1.1	1.4
BG	45	0.8	58.5	6.3	25.0	66.0	1.1	-1.0	:	4.8	8.1	1.7	5.6	16.3	-2.0	27.1	2.8	64.1	19.4	:	19.7	2.3	4.6
CZ	80	-1.3	65.7	2.7	18.1	70.5	1.1	0.4	-1.3	1.4	2.6	-3.9	5.9	40.8	-3.3	34.4	5.5	60.5	21.4	78.1	7.1	0.9	13.7
DK	125	0.6	73.1	1.8	14.2	79.3	0.5	0.1	0.0	0.9	2.2	6.6	5.4	46.6	-1.8	49.0	3.3	62.3	22.8	241.5	3.0	-0.2	0.6
DE	120	0.8	72.5	2.8	8.6	77.2	1.4	2.3	-2.2	3.0	3.1	5.6	5.2	80.5	-0.8	39.8	1.4	62.4	23.8	128.3	1.6	0.0	2.2
EE	67	2.5	65.1	7.1	22.3	74.7	-1.4	1.6	-10.1	3.5	-2.0	0.3	7.4	6.1	1.1	33.0	1.2	62.6	21.5	141.0	4.5	:	25.5
IE	127	0.4	59.2	8.6	29.4	69.4	-3.2	:	:	0.1	:	1.1	4.6	106.4	-13.4	29.9	4.1	64.1	23.5	332.0	:	3.8	-11.1
EL	82	-6.0	55.6	8.8	44.4	67.7	-1.8	-2.3	-0.2	-1.7	-5.5	-11.7	4.9	170.6	-9.4	34.8	-2.4	61.5	23.8	124.6	12.1	19.4	43.5
ES	99	-1.4	57.7	9.0	46.4	73.7	-1.5	-0.1	-4.1	-1.1	1.4	-3.7	4.2	69.3	-9.4	32.9	4.8	62.3	25.1	214.2	5.2	4.4	0.1
FR	107	0.2	63.9	4.0	22.9	70.4	1.6	1.6	2.3	2.5	3.2	-2.6	4.9	86.0	-5.2	45.6	1.6	60.2	25.4	141.1	4.6	0.8	5.6
IT	101	-2.3	56.9	4.4	29.1	62.2	0.9	1.4	2.1	-0.1	2.4	-3.3	5.4	120.7	-3.9	42.4	-2.3	60.4	24.6	126.0	9.5	3.8	-13.0
CY	92	-2.3	68.1	1.6	22.4	74.0	3.3	1.9	0.7	3.2	2.7	-4.2	7.4	71.1	-6.3	34.7	8.2	62.8	23.6	:		5.5	-86.0
LV	58	4.3	61.8	8.8	31,0	73.3	3,0	3.4	3.5	5.1	:	-2.4	10.4	42.2	-3.4	27.7	-0.7	62.7	20.0	123.1	10.1	2.4	5.1
LT	62	2.9	60.7	8.0	32.9	72.0	-0.1	0.2	-2.9	2.6	4.7	-3.7	9.8	38.5	-5.5	26.4	4.7	59.9	20.3	69.4	16,0	3.0	17.0
LU	274	0.4	64.6	1.4	16.4	67.9	3.3	3.1	2.0	1.9	2,0	7.1	10.1	18.3	-0.3	38.1	9.7	59.4	23.8	:	:	0.2	6.2
HU	66	-1.2	55.8	5.2	26.1	62.7	1.8	2.5	5.7	1.6	3.3	1.0	6.1	81.4	4.3	36.6	0.5	59.7	20.0	154.9	14.9	5.8	-7.9
MT	83	1.0	57.6	3.0	13.8	61.6	1.3	:	:	2.3	0.7	-0.3	4.4	70.9	-2.7	34.8	5.8	60.5	24.1	212.3	1.5	2.5	4.2
NL	131	-0.3	74.9	1.5	7.6	78.4	1.2	2.0	-1.8	0.9	1.8	8.3	5.2	65.5	-4.5	38.8	5.9	63.5	23.9	:	2.4	0.4	6.2
AT	129	0.8	72.1	1.1	8.3	75.3	0.9	2.9	-3.9	1.9	2.5	1.1	5.9	72.4	-2.5	43.7	4.1	60.9	24.1	161.9	4.1	0.6	1.5
PL	65	2.4	59.7	3.6	25.8	66.1	0.7	4.3	-7.9	4.8	4.2	-4.5	6.2	56.4	-5.0	32.5	1.6	59.3	21.5	79.0	6.0	3.4	12.3
PT	77	3.0	64.2	6.2	30.1	74.1	-0.7	:	:	:	:	-6.6	3.9	108.1	-4.4	36.1	-1.8	62.6	24.2	247.9	5.3	7.1	-4.1
RO	49	0.8	58.5	3.1	23.7	63.3	1.7	:	:	-8.5	7.2	-4.1	5.4	33.4	-5.0	27.5	3.7	64.3	19.7	:	11.4	5.1	1.3
SI	84	-2.3	64.4	3.6	15.7	70.3	-0.6	-0.3	-1.0	-0.1	1.5	0.1	5.5	46.9	-6.4	37.6	7.6	59.8	23.3	130.3	:	4.8	-11.1
SK	73	2.6	59.5	9.2	33.5	68.9	-0.4	2.7	0.0	-0.6	2.8	-2.5	6.2	43.3	-4.9	28.8	6.9	58.8	20.4	74.8	4.0	2.7	11.1
FI	116	0.1	69.0	1.7	20.1	74.9	1.8	2.6	1.9	2.8	3.8	-1.1	7.7	49.0	-0.6	43.4	5.8	61.7	23.9	179.9	0.8	0.3	8.1
SE	126	1.1	74.1	1.4	22.9	80.2	-0.8	-1.0	-4.1	0.6	1.3	6.5	5,0	38.4	0.4	44.9	2.0	64.4	24.2	234.7	:	0.0	10.7
UK	108	-0.3	69.5	2.7	21.1	75.7	1.5	:	:	:	:	-1.9	5.2	85.0	-7.8	37.6	5.2	63.0	23.8	:	2.2	0.0	4.2
EA	108	-0.4	64.3	4.6	20.8	71.5	0.9	:	:	:	:	0.3	5.1	88.1	-4.1	40.6	2.7	61.5	24.0	:	:	2.3	:
EU	100	-0.3	64.3	4.1	21.4	71.2	0.9	:	:	:	:	0.0	5.2	83.0	-4.4	39.9	2.1	61.5	23.2	:	:	2.0	: